

32006R2015

L 384/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2013/2006**tad-19 ta' Diċembru 2006****li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 404/93, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 247/2006
f'dak li jikkonċerna s-settur tal-banana**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

- (1) Attwalment, ir-reġim għas-settur tal-banana huwa mniżżel fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 tat-13 ta' Frar 1993 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana¹. B'mod speċifiku, l-iskema ta' għajjnuna għall-produtturi tal-banana hija bbażata fuq prinċipji li għaddew minn riforma sostanzjali għal organizzazzjonijiet oħra komuni tas-suq. Sabiex jiġi żgurat aħjar *standard* ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola f'reġjuni fejn tiġi prodotta l-banana, biex jiġu diretti aħjar ir-riżorsi lejn orjentazzjoni tas-suq tal-produtturi, biex jiġi stabilizzat l-infiq, biex jiġi żgurat ir-rispett ta' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, biex jitqiesu b'mod adegwat il-partikolaritajiet tar-reġjuni produtturi, biex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tar-reġim u dan jiġi allinjat fuq il-prinċipji ta' l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq riformati, jeħtieġ li jiġi emendat dan ir-reġim.
- (2) Il-bidliet għandhom iqisu l-iżviluppi u l-iżviluppi potenzjali fir-reġim li jirregola l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' banana prodotta f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-bidla minn sistema regolata minn kwoti tariffarji għal waħda attwalment regolata minn sistema esklussivament tariffarja, soġġetta biss għal kwota preferenzjali għall-banana prodotta fil-pajjiżi AKP.
- (3) Il-banana hija waħda mill-prodotti agrikoli prinċipali ta' ċerti mir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-Unjoni, notevolment id-dipartimenti extra-Ewropej ta' Franza ta' Gwadelup u Martinique, l-Azores, il-Madejra u l-Gżejjer Kanarji. Il-produzzjoni tal-banana hija żvantaġġata b'mod partikolari minħabba d-distanza ġeografika kbira, l-insularità, id-daqs żgħir u t-topografija diffiċli ta' dawn ir-reġjuni. Il-produzzjoni lokali tal-banana hija element essenzjali tal-bilanċ ambjentali, soċjali u ekonomiku taż-żoni rurali f'dawk ir-reġjuni.

¹ ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

- (4) Għandha titqies l-importanza soċjo-ekonomika tas-settur tal-banana għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-kontribut li dan jagħmel għall-kisba tal-koeżjoni soċjali u ekonomika minħabba d-dħul u l-impjiegi li jiġġenera, l-attivitajiet ekonomiċi li jagħti lok għalihom (kemm *upstream* kif ukoll *downstream*), u l-effett li għandu ta' żamma ta' bilanċ fil-pajsaġġ li jhegġegħ l-iżvilupp tat-turiżmu.
- (5) Is-sistema Komunitarja attwali ta' għajjnuna kompensatorja għall-banana mniżżla fit-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 ma tirrispettax b'mod adegwat il-partikolaritajiet lokali tal-produzzjoni f'kull wieħed minn dawk ir-reġjuni l-aktar imbiegħda. Għandu għalhekk isir provvediment biex tieqaf titħallas għajjnuna kompensatorja għall-banana fir-rigward ta' dawk ir-reġjuni, li jkun jippermetti li l-produzzjoni tal-banana tiġi inkluża fil-programmi ta' appoġġ. Huwa għalhekk xieraq li jitfittex strument aħjar għall-appoġġ għall-produzzjoni tal-banana f'dawk ir-reġjuni.
- (6) It-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-Unjoni¹ jipprevedi l-istabbiliment ta' programmi ta' appoġġ Komunitarju għar-reġjuni l-aktar imbiegħda li fihom miżuri speċifiċi biex jassistu linji lokali ta' produzzjoni agrikola. Dak ir-Regolament jipprevedi reviżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009. Jekk ikun hemm bidliet sostanzjali fil-kondizzjonijiet ekonomiċi li jolqtu l-kondizzjonijiet tal-ħajja fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport aktar kmieni. Dak l-istrument jidher l-aktar adatt biex jappoġġa l-produzzjoni tal-banana f'kull waħda mir-reġjuni kkonċernati billi jipprevedi l-flessibbiltà u d-deċentralizzazzjoni tal-mekkaniżmi għall-appoġġ għall-produzzjoni tal-banana. Il-possibbiltà ta' l-inklużjoni ta' l-appoġġ għall-banana f'dawk il-programmi ta' appoġġ għandha ssaħħaħ il-koerenza ta' l-istrategġji għall-appoġġ għall-produzzjoni agrikola f'dawk ir-reġjuni.

¹ ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).

- (7) L-allokazzjoni baġitarja taħt it-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandha tiżdied kif meħtieġ. Għandhom isiru wkoll emendi tekniċi għal dak ir-Regolament biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni mill-arranġamenti taħt ir-Regolament (KEE) Nru 404/93 għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament. B'mod partikolari għandu jsir provvediment għall-modifika tal-programmi Komunitarji ta' appoġġ eżistenti. Sabiex isseħħ transizzjoni bla xkiel, dawk il-modifiki għandhom japplikaw mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Rigward il-produzzjoni tal-banana fil-Komunità minbarra dik fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, jidher li ma għandhiex meħtieġa li tiġi prevista skema ta' għajjnuna speċifika għall-banana, minħabba l-proporzjon żgħir tal-produzzjoni Komunitarja totali kkonċernata.
- (9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa¹ jipprevedi sistema diżakkoppjata ta' appoġġ għad-dħul għall-azjendi agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsemmija "l-Iskema ta' Pagament Uniku"). Din is-sistema kienet maħsuba biex tippermetti l-bidla minn appoġġ għall-produzzjoni għal appoġġ għall-produttur.
- (10) Il-miżuri ta' informazzjoni u infrastruttura fil-kuntest ta' l-iżvilupp rurali jista' jkollhom rwol importanti fil-bidla lejn appoġġ għall-produttur, b'hekk mira waħda tista' tkun li l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-banana taqleb lejn diversi *standards* ta' kwalità u produzzjoni bħall-prodotti organiċi jew varjetajiet lokali. Il-banana tista' tiġi kkummerċjalizzata wkoll bħala prodott lokali speċjali fil-qafas tat-turiżmu eżistenti f'dawn iż-żoni, b'hekk tinħoloq rabta bejn il-konsumaturi u l-banana lokali bħala prodott identifikabbli.

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

- (11) Minħabba l-konsistenza, ikun xieraq li titneħħa l-iskema eżistenti ta' għajnuna kompensatorja għall-banana u li l-banana tiġi inkluża fl-Iskema ta' Pagament Uniku. Għal dan l-għan jeħtieġ li tiġi inkluża l-għajnuna kompensatorja għall-banana fil-lista ta' pagamenti diretti fir-rigward ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għandu jsir provvediment ukoll għall-istabbiliment mill-Istati Membri ta' ammonti ta' referenza u ettari eliġibbli taħt l-Iskema ta' Pagament Uniku abbażi ta' perijodu rappreżentattiv xieraq għas-suq tal-banana u ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Iż-żoni miżrugħa bil-banana li hija ttrattata bħala prodott agrikolu permanenti m'għandhomx jiġu esklużi. Il-limiti massimi nazzjonali għandhom jiġu emendati kif xieraq. Għandu jsir provvediment ukoll biex il-Kummissjoni tadotta regoli dettaljati u kwalunkwe miżura transitorja meħtieġa.
- (12) It-Titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 jipprevedi organizzazzjonijiet tal-produtturi u mekkaniżmi ta' konċentrazzjoni. Rigward l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-oġġettivi tar-reġim eżistenti huma li jiġu fformati organizzazzjonijiet bħal dawn sabiex l-akbar numru ta' produtturi possibbli jkunu membri ta' tali organizzazzjonijiet u biex il-pagament ta' għajnuna kompensatorja jiġi limitat għal produtturi li huma membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti.
- (13) Ir-reġim irnexxa fl-ewwel oġġettiv tiegħu peress li l-maġġoranza l-kbira tal-produtturi Komunitarji issa huma membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi. It-tieni oġġettiv m'għandux aktar użu peress li l-iskema ta' għajnuna kompensatorja issa ser titneħħa. Għaldaqstant, ma għadux meħtieġ li jinżammu regoli fil-livell Komunitarju dwar organizzazzjonijiet tal-produtturi, b'hekk l-Istati Membri jistgħu jadottaw tali regoli, jekk meħtieġ, immirati għas-sitwazzjonijiet speċifiċi fit-territorji tagħhom.

- (14) L-iskema li tipprevedi assistenza biex jitħeġġu l-istabbiliment u l-funzjonament amministrattiv ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandha għalhekk titneħħa. Madankollu, fl-interess taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ta' aspettativi leġittimi, għandu jsir provvediment biex tkompli titħallas tali assistenza lil organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti reċentement li diġà jgawdu minn din l-assistenza.
- (15) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 li jippermettu r-rikonoxximent u l-funzjonament tal-gruppi li jinkludu attività ekonomika waħda jew aktar relatati mal-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-ipproċessar tal-banana għadhom ma sabu ebda applikazzjoni Prattika. Għaldaqstant dawn għandhom jitħassru.
- (16) Fid-dawl tal-bidliet li saru fir-reġim tal-banana, m'għadx jeħtieġ li jkun hemm Kumitat ta' Maniġġjar separat għall-Banana. Il-Kumitat ta' Maniġġjar għall-Frott u l-Ħxejjex Friski stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex¹ għandu jintuża minflok, kif xieraq.
- (17) Numru ta' dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (KEE) Nru 404/93 m'għadhomx f'użu u għalhekk għandhom jiġu rrevokati għal raġunijiet ta' ċarezza.
- (18) Ir-Regolamenti (KEE) Nru 404/93, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 247/2006, għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

¹ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 686/2004 (ĠU L 106, 15.4.2004, p. 12).

- (19) Għandu jsir provvediment biex il-Kummissjoni tadotta kwalunkwe regola dettaljata meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-emendi previsti f'dan ir-Regolament u miżuri transitorji meħtieġa biex tiffaċilita l-bidla mill-arranġamenti eżistenti għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament.
- (20) L-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (minn haw 'il quddiem imsejjaħ l-"Att ta' Adeżjoni ta' l-2005"), dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 2011/2006* (Zokkor u Żrieragħ) kollha jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u dawk l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess jum. Fl-interess taċ-ċertezza legali, l-ordni li fiha dawk l-emendi għandhom jiġu applikati għandha tiġi speċifikata.
- (21) Sabiex jiġi evitat li tittawwal bla bżonn l-iskema attwali ta' għajjnuna għall-banana u fl-interess tal-ġestjoni sempliċi u effettiva, l-emendi previsti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw hekk kif ikun pratikabbli, jiġifieri mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007 għall-banana,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

* Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 1**Emendi għar-Regolament (KEE) Nru 404/93*

Ir-Regolament (KEE) Nru 404/93 huwa b'dan emendat kif ġej:

- 1) It-Titoli II u III, l-Artikoli 16 sa 20, l-Artikolu 21(2), l-Artikolu 25 u l-Artikoli 30 sa 32 għandhom jitħassru;
- 2) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhjuna mill-Kumitat ta' Maniġġjar għall-Frott u l-
Fxejjex Friski msemmi fl-Artikolu 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Ir-referenzi magħmula għall-Kumitat Maniġerjali tal-Banana għandhom jitqiesu
bħala referenzi għall-Kumitat imsemmi fl-ewwel subparagrafu.";
- 3) l-Artikolu 29 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li teħtieġ sabiex
timplimenta dan ir-Regolament.";

4) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"Artikolu 29a

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2)."

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kif emendat, inkluż bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, u r-Regolament (KE) Nru 2011/2006 (Zokkor u Żrieragħ), huwa b'dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 33(1), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) huma ngħataw pagament fil-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 38 taħt minn ta' l-inqas waħda mill-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Anness VI jew, fil-każ ta' żejt taż-żebbuġa, fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 37(1), jew, fil-każ tal-pitravi zokkrija, il-kannamiela u ċ-ċikwejra, jekk huma gawdew minn appoġġ għas-suq fil-perijodu rappreżentattiv imsemmi fil-punt K ta' l-Anness VII, jew, fil-każ tal-banana, jekk huma gawdew minn kumpens għal telf ta' dħul fil-perijodu rappreżentattiv imsemmi fil-punt L ta' l-Anness VIII.";

2) fl-Artikolu 37 (1), għandu jizjed is-subparagrafu li ġej:

“Għall-banana l-ammont ta' referenza għandu jiġi kkalkolat u aġġustat skond il-punt L ta' l-Anness VII.”;

3) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk il-perijodu ta' referenza kollu kien milqut mill-każ ta' '*force majeure*' jew ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru għandu jikkalkola l-ammont ta' referenza abbażi tal-perijodu mill-1997 sa l-1999 jew, fil-każ tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra abbażi ta' l-eqreb sena ta' kummerċjalizzazzjoni qabel il-perijodu rappreżentattiv magħżul skond il-punt K ta' l-Anness VII, jew, fil-każ tal-banana abbażi ta' l-eqreb sena ta' kummerċjalizzazzjoni qabel il-perijodu rappreżentattiv magħżul skond il-punt L ta' l-Anness VIII. F'dan il-każ, il-paragrafu 1 għandu japplika mutatis mutandis.";

4) fl-Artikolu 43(2), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' l-għajjnuna għal-lamtu tal-patata, l-għalf imnixxef, iż-żerriegħa, l-imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ u t-tabakk elenkati fl-Anness VII, in-numru ta' ettari li l-produzzjoni tagħhom ingħatat l-għajjnuna fil-perijodu ta' referenza, kif ikkalkolat fil-punti B, D, F, H, I ta' l-Anness VII u fil-każ tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra, in-numru ta' ettari kif ikkalkolati skond il-punt 4 tal-punt K ta' dak l-Anness u fil-każ tal-banana, in-numru ta' ettari kif ikkalkolat skond il-punt L ta' dak l-Anness;"

- 5) fl-Artikolu 44(2), fit-tieni subparagrafu, il-kliem "jew fejn ġiet miżrugħa l-banana," għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "jew soġġett għal obbligu ta' mistrieħ temporanja,";
- 6) fl-Artikolu 51, il-punt (a), il-kliem "jew banana," għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "ħops";
- 7) fl-Artikolu 145, il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt (d)b):
"(d)ċ)regoli dettaljati rigward l-inklużjoni ta' l-appoġġ għall-banana fl-Iskema ta' Pagament Uniku.";
- 8) l-Artikolu 155 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
"Artikolu 155
Regoli transitorji oħra

Miżuri ulterjuri meħtieġa għall-iffaċilitar tat-transizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikoli 152 u 153 u fir-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93* għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati ma' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 u l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 u mid-dispożizzjonijiet relatati mal-pjanijiet ta' titjib previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 għal dawk imsemmija fl-Artikoli 83 u 87 ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) ta' dan ir-Regolament. Ir-Regolamenti u l-Artikoli msemmija fl-Artikoli 152 u 153 għandhom ikomplu japplikaw biex ikunu stabbiliti l-ammonti ta' referenza msemmija fl-Anness VII.

* ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1.";

- 9) l-Annessi għandhom jiġu emendati skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 247/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

- 1) l-Artikolu 23 għandu jiġi emendat kif ġej:

- a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, ħlief għall-Artikolu 16, għandhom jikkostitwixxu intervent maħsub biex jistabbilizza s-swieq agrikoli fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola* għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2006. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-istess miżuri għandhom jikkostitwixxu intervent biex jirregola s-swieq agrikoli fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b), jew pagamenti diretti lill-bdiewa taħt l-Artikolu (1)(ċ), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni **.

* ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103. Ir-Regolament revokat bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

** ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 320/2006.";

b) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Komunità għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fit-Titoli II u III ta' dan ir-Regolament sa massimu annwali kif ġej:

EUR miljun

	Sena finanzjarja 2007	Sena finanzjarja 2008	Sena finanzjarja 2009	Sena finanzjarja 2010 u wara
Dipartimenti extra-Ewropej ta' Franza	126,6	262,6	269,4	273
l-Azores u l-Madejra	77,9	86,6	86,7	86,8
il-Gżejjer Kanarji	127,3	268,4	268,4	268,4

";

c) il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ammonti annwali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jinkludu kwalunkwe nefqa mħallsa skond ir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 29.";

2) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"Artikolu 24a

1. Sal-15 ta' Marzu 2007, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-abbozz ta' emendi għall-programm ġenerali tagħhom biex jiġu riflessi l-bidliet introdotti bir-Regolament (KE) Nru 2011/2006*.
2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-emendi proposti u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data li jkunu tressqu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).
3. B'deroga mill-Artikolu 24(3), l-emendi għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.";

3) fl-Artikolu 28, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- "3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, u sussegwentement kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li juri l-impatt ta' l-azzjoni meħuda taħt dan ir-Regolament, inkluż fis-settur tal-banana, flimkien ma' proposti adegwati, fejn applikabbli.";

* Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

4) fl-Artikolu 30, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Skond l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' wkoll tadotta miżuri biex tiffaċilita t-transizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93* għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament.

* ĠU L 47, 25.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003."

Artikolu 4

Miżuri transitorji

1. Minkejja l-Artikolu 1, il-punt (1) ta' dan ir-Regolament:

- L-Istati Membri għandhom ikompli japplikaw l-Artikoli 5, 6 u 25(2) tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma rrikonoxxew mhux akar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 u li lilhom diġà tħallset għajjnuna taħt l-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament qabel dik id-data, u
- l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament għandu jkompli japplika fir-rigward ta' l-iskema ta' għajjnuna kompensatorja għall-2006.

2. Ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KEE) Nru 404/93.

*Artikolu 5**Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

ANNEX

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma b'dan emendati kif ġej:

- 1) fl-Anness il-linja li tikkonċerna l-banana għandha titħassar;
- 2) il-linja li ġejja għandha tiżdied ma' l-Anness VI:

"Banana	Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 404/93	Kumpens għal telf ta' dħul";
---------	---	---------------------------------

- 3) il-punt li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness VII:

"L. Banana

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont li għandu jiġi inkluż fl-ammont ta' referenza ta' kull bidwi abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:

- (a) il-kwantità ta' banana kkummerċjalizzata minn dak il-bidwi li għaliha tħallas kumpens għal telf ta' dħul taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 404/93 matul perijodu rappreżentattiv bejn is-snin ta' kkummerċjalizzazzjoni 2000 u 2005;

- (b) iż-żoni li fihom tkabbret il-banana msemmija fil-punt (a); u
- (c) l-ammont ta' kumpens għal telf ta' dħul imħallas lill-bidwi matul il-perijodu msemmi fil-punt (a).

L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-ettari applikabbli msemmija fl-Artikolu 43(2) ta' dan ir-Regolament abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħaż-żoni msemmija fil-punt b).";

4) L-Anness VIII għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX VIII

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41

EUR '000

Stat Membru	2005	2006	2007	2008	2009	2010 u s- snin sussegwent i
Belġju	411 053	580 376	593 395	606 935	614 179	611 805
Danimarka	943 369	1 015 479	1 021 296	1 027 278	1 030 478	1 030 478
Ġermanja	5 148 003	5 647 175	5 695 607	5 744 240	5 770 254	5 774 254
Greċja	838 289	2 143 603	2 171 217	2 175 731	2 178 146	1 988 815
Spanja	3 266 092	4 635 365	4 649 913	4 664 087	4 671 669	4 673 546
Franza	7 199 000	8 236 045	8 282 938	8 330 205	8 355 488	8 363 488
Irlanda	1 260 142	1 335 311	1 337 919	1 340 752	1 342 268	1 340 521
Italja	2 539 000	3 791 893	3 813 520	3 835 663	3 847 508	3 869 053
Lussemburgu	33 414	36 602	37 051	37 051	37 051	37 051
Olanda	386 586	428 329	833 858	846 389	853 090	853 090
Awstrija	613 000	633 577	737 093	742 610	745 561	744 955
Portugall	452 000	504 287	571 377	572 368	572 898	572 594
Finlandja	467 000	561 956	563 613	565 690	566 801	565 520
Svezja	637 388	670 917	755 045	760 281	763 082	763 082
Renju Unit	3 697 528	3 944 745	3 960 986	3 977 175	3 985 834	3 975 849

5) fl-Anness VIIIa, il-kolonna li tikkonċerna lil Ċipru għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"

Sena kalendarja			Ċipru							
2005			8900							
2006			12 500							
2007			17 660							
2008			22 100							
2009			26 540							
2010			30 980							
2011			35 420							
2012			39 860							
2013			44 300							
2014			44 300							
2015			44 300							
2016 u s- snin sussegwent i			44 300							

"